MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 72/2009

**Il-Pulizija**

**Vs**
**Ramon Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 t'Ottubru, 2008, ghall-habta ta' 01.20 hrs, fi Triq Haz-Zabbar, Fgura,
1. saq il-vettura numru JBD 148 b'manjiera traskurata;
2. saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' ventura numru JBD 148 fit-triq jew f'post pubbliku, meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
4. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru JBD 148 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma

tant alcohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) u 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress li l-ewwel akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni acusa, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-ewwel akkuza, sabitu hati tat-tieni akkuza w ikkundannatu ghall-piena ta’ €175 multa, fuq it-tielet akkuza kkundannatu ghall-piena ta’ €466 multa w illiberatu mir-raba’ akkuza ghax ma kienitx sufficjentement ippruvata.
Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-liberazzjoni dwar l-ewwel u r-raba’ akkuza, tiddikjara wkoll il-liberazzjoni dwar it-tieni w it-tielet akkuza sabiex l-appellant jigi lliberat mill-akkuzi w il-pieni kollha migjuba kontieh, jew f’kaz li xorta ssib htija ghal dawn iz-zewg akkuzi, tbiddel il-piena nflitta fuqu w minflok tnaqqas l-istess piena w taghtih piena illi hija aktar moderata w addatata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Illi minn ezami tad-dinamika tal-incident ghandu johrog car li l-appellant ma kienx qed isuq b' mod traskurat u wisq inqas perikoluz izda kien qed jaghmel biss manuvra sabiex idawwar il-karozza wara li din kienet parkeggjata. Li pero' stante l-velocita' li biha kienet gejja l-car l-ohra, hu ma lahaqx ghamel din il-manuvra w l-vettura l-ohra laqtet lil dik tal-appellant fuq in-naha ta' wara u bl-impatt dawwritlu l-vettura tieghu kwart ta' dawra, tant li z-

zewg vetturi spiccaw wicc im b'wicc. Ghalhekk din kienet kollizzjoni semplici w kull ma jista' jigi imputat lill-appellant hu reat ta' natura kontravvenzjonali. 2 Fit-tieni lok, minkejja x-xhieda konfliggenti li nghatat quddiem l-Ewwel Qorti mill-prosekuzzjoni stess, u partikolarmnent bejn ix-xhieda tal-warden u dik tal-pulizija li gew imsejjha wara, l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda tal-warden u strahet biss fuq dik moghtija mill-Pulizija. Tal-ewwel jghid li l-atteggjament tal-appellant kien wiehed normali tant li t-talba ghall-assistenza tal-pulizija biex jaghmlu l-*breathalyser test* saret mill-parti l-ohra involuta fl-incident u l-warden fl-ebda hin ma hass tali bzonn li jsejjh lill-Pulizija. Fl-affdavit taghhom, li sar biss ftit jiem wara l-incident, il-Pulizija iddikjararaw biss li l-appellant **seta'** kien taht l-influwenza tal-alcohol. Pero' l-fatt li kellu riha ta' alcohol f' halqu jista' jigi spjegat ghax kien ghadu kif xorob zewg tazzi birra. Dan pero' ma jfissirx li ma kienx f' kondizzjoni li jsuq jew li ma kellux il-kontroll assolut tal-azzjonijiet tieghu. 3.Li l-procedura li mxew biha l-Pulizija meta hadu t-test tal-breathalyser lill-appellant kienet ikkulurita b' diversi difetti serji li jnisslu dubju serju dwar l-affidabilita' tar-rizultat. Imissu ttiehed it-tieni test fuq l-appellant. Minkejja li kien jidher li l-magna ma kienetx qed tahdem sew, il-Pulizija kkuntentaw ruhom bl-ewwel *reading* li sar fuq is-sewwieq l-iehor. 4. Illi l-piena kienet wahda eccesiva w s-sospensjoni tal-licenzja tista' timpingi fuq l-impieg tal-appellant billi hu jghix Marsaskala, fejn it-trasport pubbliku mhux daqshekk regolari.

Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tat-30 t' April, 2009.

Semghet it-trattazzjoini;

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-Qorti tkun tista' taccedi fuq il-post tal-incident privatament.

Ikkonsidrat;

Illi x-xiehda mismugha minn din il-Qorti tista' tigi sintetizzata bil-mod kif gej :-

**Is-Surgent Maggur John Tabone** xehed li fit-22 t' Ottubru, 2008, ghall-habta tas-2.10 am., kien gie infurmat li kienet sehhet habta w li l-Warden kellu bzonn l-assistenza tal-Pulizija. Mar fuq il-post u sab iz-zewg karozzi mahbutin. Qalulu li riedu jaghmlu breathalyser test lil wiehed mis-sewwieqa w ghalhekk hu sejjah lil Pulizija tal-Mobile Squad biex jigu fuq il-post. Dawn gew u taw is-solita twissija lill-appellant li hu gharaf fl-awla. L-appellant nefah aktar minn darba ghax ma bediex jonfoh sew u fl-ahhar, mat-tieni jew mar-raba' darba, dan immarka 65 milligrams. Hu kien ser jiehu lill-appellant id-Depot imma gie infurmat li l-istrument tad-Depot kien bil-hsara. Hadu l-ghassa tal-Fgura w qal lil missier l-appellant biex dan ma jsuqx il-karozza. Kien innota li l-appellant kellu riha ta' xorb. Ma kienx *steady* ghal kollox. Kien jidher li ma kienx qieghed f' sikktu bhala statura ta' sakra, ta' xorb. L-incident awtomobilistiku kien investigah il-Warden u hu ma jaf xejn dwaru. Hu kien talab il-*particulars* lill-appellant u dan kien tahomlu. Kien dam ikellmu xi 5 minuti, ghaxra.

**PC 1600 Gilbert Gatt** xehed li x' hin wasal fuq il-post ix-xhud precedenti kien ordnalhom jaghmlu breathalyser test fuq l-appellant. Tawh il-*caution* u hu ghazel li jaghmel it-test. Nefah xi tlitt darbiet sakemm hareg ir-rizultat minnhabba li ma kienx f' sikktu biex jaghmel it-test sew. It-test ta rizultat ta' 65 milligrams, meta l-ligi tippermetti sa 35 milligrams. L-appellant kellu riha ta' alcohol. Ma tilifx il-bilanc fuq saqajh. Kien qal li xorob naqra, imma ma qallux x' kien xorob. Ma jiftakarx li l-appellant kien qallu li xorob tnejn birra. Kienu ghamlu test tal-breathalyser lid-driver l-iehor u mmarka zero, li juri li ma xorobx zgur. Ma jidhirlux li qabel ghamlu t-test lis-sewwieq l-iehor, il-magna kellhom jatuha xi daqqiet biex setghet tahdem. Il-magna kull ma taghmel tibdlilha l-*pipe* u ma toqghodx titfiha w terga' tixghela biex tippruvaha fuq persuna ohra. Kull ma taghmel tirrisettjha. F' idejh il-magna dejjem hadmet. Qatt ma kellu kaz li ma xeghelitx. Huma jaghmlu t-*test on site* umbaghad tad-distrett jiehdu lid-driver id-Depot jekk ikun il-kaz. Il-magna taghhom ma tohrogx karta. Tati *reading* biss.

Fl-Affidavit tieghu **PC 345 M. Cremona** ddikjara li mill-agir tal-appellant irrizulta li seta' kien taht l-effett tal-alcohol. Ir-rizultat tat-test kien ta' 65 mg.

**Warden 331 Roger Attard** xehed li wara li kien investiga l-habta, missier is-sewwieq l-iehor kien gibidlu l-attenzjoni tieghu ghall-fatt li l-appellant kellu riha ta' xorb. Ghalhekk hu sejjah lill-Pulizija li gew u ghamlu t-test li rrizulta li kien *"over sixty*". Ma jiftakarx li l-appellant kellu riha ta' xorb ghax meta staqsieh id-domandi l-appellant kien irrispondieh normali. Ma tahx indikazzjoni li kien fi stat ta' sakra l-appellant.

L-appellant kien qalu li kien isuq il-vettura JBD 148 u kien mal-gemb u qabad idur biex jitla' lejn Haz-Zabbar. Kif wasal f' nofs il-*"lane",* giet il-vettura LCF 817, dahlet fih u dawwritu. Id-driver l-iehor kien qallu li kien gej minn-naha ta' Haz-Zabbar sejjer lejn Paola w kif wasal ma Triq ir-Rihan, il-vettura JBD 148 li kienet mal-gemb, fuq ix-xellug, daret f' daqqa quddiemu w habtu. Il-car LCF 817 kellha *"extensive front damage"* u l-iehor fuq ir-"*right side, door, mudguard, bumper, running board u rear wheel."* Ikkomferma r-rapport tieghu li jinsab esebit fil-process. Il-car JBD 148 spiccat thares lejn Haz-Zabbar u l-ohra fin-nofs, lejn nofs it-triq.

Hu beda jinvestiga fis-siegha u nofs ta' filghodu u lesta fis-1.55am. u l-Pulizija umbaghad hadu xi ghaxar minuti ohra biex gew fuq il-post. Ma innota xejn fuq l-appelant ma tul dak il-hin kollu. It-test tal-Pulizija sar normali. Sar darbtejn. L-ewwel wahda rrizulta xi haga hazina, w mbaghad it-tieni wiehed caqalaqha ftit hekk u mbaghad hadmet il-magna. Jekk wehlet hu ma jafx , m' ghandux idejha, ghax ma kienx qed ihares lejha.

**Omar Vassallo** xehed li dak in-nhar hu kien gej minnghand l-gharusa tieghu mix-Xghajra u kien niezel it-Triq tal-Fgura sejer lejn il-Hamrun, triq wiesgha. Meta wasal fejn il-BETA, hargitlu karozza mill-*parking* minn-naha tal-passiggier, cioe' mix-xellug, malli hu kien wasal mieghu ezatt. Kien ipparkjat u ghamel U-turn go wiccu mill-ewwel. Hu ghafas il-*brake* imma ma kienx hemm cans

ghax magembu kien qieghed. Kien hadu gol-bieba ta' wara u gol-*mudguard* ta' wara. Id-driver tal-car l-ohra kien l-appellant li hu gharaf fl-awla. Hu cempel lill-ommu w missieru, lil warden u lil tat-*towing.* L-appellant kien qallu*: "Ma rajtnix?"* Hu wiegbu: "*Ma rajtekx, qieghed ma gembek!"* Kien innota riha ta' xorb biss fuq l-appellant u ma nnotax xi affarijiet ohra. Beda jkellmu normali. Huma kienu talbu li jsir *breathalyser test* fuq l-appellant. Gew il-Pulizija w ghamlu t-test fuq l-appellant u wara fuqu. Fl-istrument nefah xi tlitt darbiet. Il-Pulizija beda jghidlu: *"Onfoh sew"* ghax ma bediex jonfoh sew l-appellant. Ma rax lill-Pulizija jaghti xi daqqtejn lill-apparat. Meta nefaq fl-istrument hu, ir-rizultat gie zero.

Id-daqqa fil-car l-ohra kienet fuq in-naha tax-xufier, fuq wara. Il-hsara fil-car tieghu kienet fuq il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug. Hu kien kiser naqra 'l barra u ghafas il-*brake*. L-iehor kien hareg go fih u b' sahhtu hafna. Ma kienx lahaq ghadda. Hu kien isuq b' xi 50 -55 kfs.

**L-Appellant** xehed li hu kien ipparkjat fil-main road tal-Fgura, wiccu lejn Rahar Gdid. Kienu xis-1am - 1.15am. Dahal fil-karozza, startja u mar biex idur biex jigi ghad-direzzjoni ta' Haz-Zabbar u ghamel U-turn bil-mod, mhux bis-sahha, bl-*indicator* mixghul. Hares minn gol-mirja. Meta kien kwazi tlitt kwarti mdawwar gie l-iehor *gas down* go fih. Hadu fuq in-naha ta' wara tar-rota, kaxkru hmistax il-metru w spiccaw iharsu wicc imb wicc lejn xulxin. Hu hareg mill-karozza b' qatghha kbira. Wara li l-warden hadlu l-*particulars* u kienu sejrin, missier id-driver l-iehor xtaq li jsir *breathalyser test* fuqu. Gew tal-Mobile Squad u meta gew biex jaghmlulu t-test, il-magna ma bdietx tahdmilhom tajjeb. Kellhom jixxejkjawha u anki tawha xi daqqiet ghax ma bdietx tixghelilhom. Talbuh imur maghhom id-Depot ghat-tieni *reading* u kif kienu sejrin biex jaghmlu dan, qalulhom fuq ir-radio tal-car tal-Pulizija li l-apparat tad-Depot kien bil-hsara.

Hu qabel kien hareg mat-tfajla w wara li kien wassalha d-dar, kien waqaf biex jixtri pakkett sigarretti. Kien ghadu kif ha zewg lager xi ghaxar minuti qabel u forsi dik ir-riha ta' xorb li kellu. Hu kien hares gol-mera meta gie biex jaqla w

ma kien gej hadd. It-triq warajha twila hafna. Meta ma haduhx id-Depot kien hu li saq il-car tieghu lura lejn id-dar u l-pulizija ppermettew li dan isir, tant li hu ghadda minn quddiem l-ghassa w sellem lil Pulizija.

**Francis Grech** xehed li hu kien mar fuq il-post u meta kollox kien qieghed kwazi lest, missier id-*driver* l-iehor beda jinsisti mat-tifel tieghu biex jaghmlu *breathalyser test* lill-ibnu l-appellant. Ghalhekk il-warden cempel lill-Pulizija. Dawn gew u wara li ghamlu t-test lill-ibnu hu kien qalilhom *"Ghax ma taghmlux it-test lill-iehor ukoll?"* Meta mar biex jerga' jixeghel l-istrument, il-pulizija tah xi tlitt, erba' daqqiet ghax ma setghex jixghellu. Dak il-hin ix-xhud kien spalla ma spalla mal-Pulizija w jaf bic-cert li ma xeghellux l-istrument. Umbaghad wara xeghellu. Hu kien qabad jidhaq dak il-hin ghax qatt ma kien ra haga bhal din. It-test fuq it-tifel ta' rizultat ta' 65. Marru l-ghassa tal-Fgura . Hemm il-Pulizija qallu li l-appellant seta' jsuq il-karozza tieghu lura d-dar. Marru ghal karozza tal-appellant u dan umbaghad saq warajh lejn id-dar.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghid li ,kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree". (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** 14.3.59 ; **"il-Pulizija. vs. Wilson"** Vol. XXXIX p. 1018 u **"il-Pulizija vs. Alfred Vella" (**Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **"il-Pulizija. vs. Hardingham"** , [19.10.1963]. Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness"* (App. Krim. "I**l-Pulizija. vs. Charles Farrugia"** XXXIX p. 1018.) "*Recklessness"* giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim. **"il-Pulizija. vs. Joseph Aquilina"** , [20.4.1963]. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **"il-Pulizija. vs. Antonio Spiteri"** , Vol. XLIV, p.892).

Illi bil-fatt li l-appellant jghid li xeghel l-indicator meta gie biex idur, dan bl-ebda mod ma jassolvieh mil-obbligu tieghu li jiehu prekawzjonijiet ohra. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Francis Schembri" [26.6.1968]:-

*"Hemm hafna drivers illi jahsbu illi meta jkunu ser jaqsmu ghal fuq il-lemin tat-triq bizzejjed li jaghtu sinjal u li b' hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa zball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal ghall-ewwel ifisser li tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq; izda dan mhux bizzejjed biex hu jista' jaqsam. Ikun hemm bzonn li d-driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tieghu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet u, meta jkun assikura ruhu b' dan, id-driver ikun intitolat li jaqasam it-triq."*

Fl-Appell Kriminali **:"Il-Pulizija vs. John Bartolo"** (Kollez. Vol. XXXVIII , iv. p.868) gie ritenut li :-

*"Il-fatt li wiehed johrog l-"indicator" ma jista' qatt jigi estiz li jfisser li t- traffiku …gej fuq il-"main road" ghandu jkun kostrett jaltera l-ispeed jew iwaqqaf ghal kollox u jitlef il-priorita'. Min johrog l-"indicator" ikun qieghed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma mbaghad, ma jistax semplicemement ghax hareg l-"indicator" jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti, u jaqleb ir-"rule of the road" favur tieghu."*

L-istess **O.C. MAZENGARB**, fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" jghid:-

*"The act of turning across the line of traffic is one which imposes a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to deviate from one's course …In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has at least reasonable ground, besides the pure fact of his warning, for believing that*

*he can cut out across without endangering approaching traffic."*

Issa meta l-appellant ghazel li jaqla' minn pozizzjoni stazzjonarja, fejn kien jipparkjat max-xellug tat-triq, ghalkemm dan ma jikkostitwix reat *per se*, pero' kien ipoggi fuqu *"a greater duty of care"* li jara li johrog biss meta jista' jaghmel dan b'sikurezza ghalieh u ghall *"traffic"* li seta' kien gej minn warajh jew minn quddiemu. Kellu joqghod attent li jaqsam it-triq biss meta jkun cert li jista' jaghmel dan ghax imissu kien konsapevoli li bil-manuvra tieghu jista' jigi li qed jostakola traffiku gej minn warajh. L-appellant ma jistax jiskolpa ruhu ghax jghid li dak il-hin kien qed ihares u ma ra xejn gej minn warajh. Bil-hrug tieghu hu kien qed jikkreja emeregenza subitanea ghall-vettura l-ohra li habtet mieghu. Ladarba kienet il-manuvra tieghu li kienet qed tmur kontra l-kors normali tat-traffiku u l-*"stream of traffic",* kien jinkombi fuq l-appellant li jara li din issir biss meta setghat issir u ssir kemm jista' jkun malajr biex fil-frattemp ma tilhaqx tinbidel it-"*traffic situation"*.

Pero' din il-Qorti thoss li ghalkemm l-appellant ma hax il-prekawzjonijiet kollha rikjesti w li l-manuvra tieghu kienet il-kawza determinanti tas-sinistru, l-grad tas-sewqan hazin tieghu ma kienx tali li jaqa' taht il-grad aktar gravi ta' sewqan perikoluz. Kien jikkonsisti biss f'nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali w ergo, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, sewqan b'manjiera traskurata w mhux ukoll sewqan b'maniera perikoluza. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata. Imma tirrizulta htija kompriza w involuta ta' sewqan b' manjiera traskurata w li l-Ewwel Qorti astjeniet li tippronunzja ruha dwarha ghax qiesitha bhala imputazzjoni alternattiva.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar is-sejbien ta' htija tat-tielet imputazzjoni li saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura JBD 148 fit-triq jew f' post pubbliku, meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, z-

zewg xhieda membri tal-Korp tal-Pulizija jghidu li l-appellant kellu riha ta' xorb, u li kien jidher mhux f' sikktu. Omar Vassallo nnota li l-appellant kellu riha ta' xorb biss. Il-warden xehed li ma nnotax dan. L-appellant jghid li kien xorob zewg lagers ftit qabel. Il-*breathlayser test* li sar fuq il-post tal-habta ta *reading* ta' 65 mikrogramma ta' alcohol f' 100 millilitru ta' nifs, u cioe' ferm oltre dak ta' 35 mikrogrammna preskritt ghan-nifs skond l-artikolu 15 I. Pero' ma sarx test fuq l-appart li jinsab fid-Depot tal-Pulizija ghax dan kien bil-hsara dak in-nhar.

Illi din l-imputazzjoini hija dik bazata fuq l-artikolu 15A (1) u (2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. Din, ghad-distinzjoni mir-reat kontemplat fl-artikolu 15B, ma tiddependix minn rizultanza ta' proporzjon ta' alcohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina li jkun izjed mill-limitu preskritt kif indikat fl-artikolu 15 I. Ghalhekk din l-imputazzjoni tista' tirrizulta pruvata indipendentement minn xi *reading* ta' *breathalyser test* jew rizultat ta' test fuq xi strument iehor. Tista' tirrizulta *aliunde* minn sinjali bhal ma huma r-riha ta' xorb, li wiehed ikun jixxengel, ikarkar il-kliem jew igib ruhu b' mod li juri li jkun fi stat inebriat u tista’ tirrizulta pruvata anki minn depozizzjonijiet ta’ xhieda okulari li jkunu osservaw lis-sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat. (ara App. Krim. : **"Il-Pulizija vs. Mathew Calleja"** [9.8.2007] u ohrajn).

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hija sodisfatta li din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata w ghalhekk ma tarax ghalfejn ghandha tvarja d-decizjoni fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk l-aggravji pertinenti ghal din l-imputazzjoni qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tar-raba' aggravju dwar il-piena, il-konkluzzjoni fuq raggunta dwar il-htija ta' sewqan b' manjiera traskurata minnflok sewqan b' manjiera perikoluza, trid bil-fors tigi riflessa f’piena aktar miti minn dik moghtija mill-Ewwel Qorti. Ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Qorti applikat l-inqas piena possibbli kemm ghal dak li jirrigwarda l-multa kif ukoll il-

periodu tas-sospensjoni tal-licenzji skond l-artikolu 15H(2) tal-Kap.65 u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tnaqqas il-piena fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u hekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w fejn ikkundannatu ghall-piena ta' erba mija w sitta w sittin Ewro (€466) ghal din l-imputazzjoni kif ukoll fejn skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur u fejn illiberat lill-appellant mir-raba imputazzjoni ghax ma rrizultatx sodisfacentement pruvata, u tirrevokaha in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni ta' sewqan b' manjiera traskurata w fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan b' manjiera perikoluza w fejn ikkundannatu ghall multa ta' mija w hamsa w sebghin Ewro (€175) u minnflok ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan b' manjiera perikoluza izda ssibu hati ta' sewqan b' manjiera traskurata skond l-ewwel imputazzjoni w tikkundannah ghall-multa ta' hamsa w sebghin Ewro (€75) ghal din l-ewwel imputazzjoni.

Is-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan jibdew jghoddu minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------